Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Frar 2023
(OR. en)

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2023/0033(COD)**

**6417/23**
**ADD 1**

**SOC 110**
**EMPL 69**
**SAN 77**
**IA 21**
**CODEC 192**

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Frar 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 71 final - Annexes 1 to 2 |
| Suġġett: | ANNESSI tal-proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u d-diisoċjanati |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 71 final - Annexes 1 to 2.

---

Mehmuż: COM(2023) 71 final - Annexes 1 to 2

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.2.2023
COM(2023) 71 final

ANNEXES 1 to 2

**ANNESSI**

**tal-**

**proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE u d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u d-diisoċjanati**

{SEC(2023) 67 final} - {SWD(2023) 34 final} - {SWD(2023) 35 final} - {SWD(2023) 36 final}

<u>**ANNESS I**</u>

L-Anness I tad-Direttiva 98/24/KE huwa sostitwit b'dan li ġej:

***"ANNESS I***

**LISTA LI TORBOT IL-VALURI TA' LIMITU TAL-ESPOSIZZJONI FUQ IX-XOGĦOL**

| Isem ta l-aġent | Nru tal-KE (1) | Nru tal-CAS (2) | Valuri ta' limitu | | | | | Notazzjoni | Miżuri tranżitorji |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 8 sigħat (3) | | | Żmien qasir (4) | | | |
| | | | $\mu g/m^3$ (5) | Ppm (6) | f/ml (7) | $\mu g/m^3$ | ppm | | |
| Diisoċjanati | | | 6 | | | 12 | | Ġilda (8)<br><br>Sensitizzazzjoni respiratorja u tal-ġilda (9) | Il-valur imitu ta' 10 $\mu g/m^3$ f'relazzjoni ma' perjodu ta' referenza ta' 8 sigħat u valur ta' limitu tal-esponiment għal żmien qasir ta' 20 $\mu g/m^3$ għandu japplika sal-31 ta' Diċembru 2028. |

(1) Nru tal-KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

(2) Nru CAS: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.

(3) Imkejla jew ikkalkulati b'rabta ma' perjodu ta' referenza tal-medja ponderata skont il-ħin (TWA) ta' 8 sigħat.

(4) Limitu ta' espożizzjoni għal żmien qasir (STEL). Valur ta' limitu li 'l fuq minnu jenħtieġ li ma jkunx hemm espożizzjoni u li huwa relatat ma' perijodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

(5) $\mu g/m^3$ = mikrogrammi għal kull metru kubu ta' arja.

(6) ppm = partijiet fil-miljun b'volum fl-arja (ml/m3).

(7) f/ml = fibri għal kull millilitru.

8) Is-sustanza tista' tikkawża sensitizzazzjoni tal-ġilda.

(9) Is-sustanza tista' tikkawża sensitizzazzjoni tal-ġilda u tas-sistema respiratorja.

<u>**ANNESS II**</u>

L-Annessi III u IIIa tad-Direttiva 2004/37/KE huma emendati kif ġej:

(1) fl-Anness III, il-punt A,

ir-ringiela relatata maċ-ċomb inorganiku u l-komposti tiegħu hija sostitwita b’dan li ġej:

“

| Isem ta l-aġent | Nru tal-KE (1) | Nru tal-CAS (2) | Valuri ta’ limitu | | | | | | Notazzjoni | Miżuri tranżitorji |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | 8 sigħat (3) | | | Żmien qasir (4) | | | | |
| | | | $mg/m^3$ (5) | Ppm (6) | f/ml (7) | $mg/m^3$ | ppm | f/ml | | |
| Ċomb inorganiku u l-komposti tiegħu | | | 0.03 | | | | | | | |

(1) Nru tal-KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea, kif definit fit-Taqsima 1.1.1.2 fl-Anness VI, il-Parti 1 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

(2) Nru CAS: In-Numru tar-Reġistru tas-Servizz tal-Astratt Kimiku.

(3) Imkejla jew ikkalkulati b’rabta ma’ perijodu ta’ referenza tal-medja ponderata skont il-ħin (TWA) ta’ 8 sigħat.

(4) Limitu ta’ espożizzjoni għal żmien qasir (STEL). Valur ta' limitu li ‘l fuq minnu jenħtieġ li ma jkunx hemm espożizzjoni u li huwa relatat ma' perijodu ta' 15-il minuta, sakemm mhux speċifikat mod ieħor.

(5) mg/m3 = milligrammi kull metru kubu ta’ arja b’20 °C u 101,3 kPa (pressjoni tal-merkurju ta’ 760 mm).

(6) ppm = partijiet fil-miljun b’volum fl-arja (ml/m3).

(7) f/ml = fibri għal kull millilitru.”;

(2) L-Anness IIIa huwa sostitwit b'dan li ġej:

### *“ANNESS IIIa*

### VALURI LIMITU BIJOLOĠIĊI U MIŻURI TAS-SORVELJANZA TAS-SAĦĦA

*(Artikolu 16(4))*

Iċ-ċomb u l-komposti joniċi tiegħu

Il-monitoraġġ bijoloġiku għandu jinkludi l-kejl tal-livell taċ-ċomb fid-demm (PbB) bl-użu tal-ispettrometrija tal-assorbiment jew metodu li jagħti riżultati ekwivalenti. Il-valur limitu bijoloġiku vinkolanti huwa:

15 µg Pb/100 ml demm(1)

Sorveljanza medika titwettaq jekk l-espożizzjoni għal konċentrazzjoni ta’ ċomb fl-arja tkun akbar minn 0,015 $mg/m^3$, ikkalkulata bħala medja ponderata skont il-ħin fuq 40 siegħa fil-

ġimgħa, jew livell ta’ ċomb tad-demm akbar minn 9 µg Pb/100 ml ta’ demm jitkejjel f’ħaddiema individwali.

([1]) Huwa rakkomandat li l-livell taċ-ċomb fid-demm fin-nisa fl-età li jista’ jkollhom it-tfal ma jaqbiżx l-valuri ta’ referenza tal-popolazzjoni ġenerali li mhux espososta okkupazzjonalment għaċ-ċomb fl-Istati Membri rispettivi tal-UE. Meta l-livelli ta’ referenza nazzjonali ma jkunux disponibbli, huwa rakkomandat illi l-livelli ta’ ċomb fid-demm fin-nisa fl-età li jista’ jkollhom it-tfal ma jaqbżux il-Valur ta’ Gwida Bijoloġiku ta’ 4.5 µg/100ml.”